C/2024/7210

10.12.2024

P10_TA(2024)0007

Oġġezzjoni għal att ta' implimentazzjoni: Il-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiprokonażol

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Settembru 2024 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiprokonażol u għall-ispirodiklofen f'ċerti prodotti jew fuqhom (D091952/05 – 2024/2759(RPS))

(C/2024/7210)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiprokonażol u għall-ispirodiklofen f'ċerti prodotti jew fuqhom (D091952/05),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (4)(1) u l-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u l-punt 3.6.4 tal-Anness II,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 13, 168 u 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fid-19 ta' Frar 2021, u ppubblikata fit-22 ta' Marzu 2021 ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-pestiċidi approvata mill-EFSA fit-8 ta' Novembru 2010, u ppubblikata fil-25 ta' Novembru 2010 ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) fil-11 ta' Settembru 2015 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3), il-punt (b), u l-Artikolu 5a(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(2), (3) u (4)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([4]) L-opinjoni motivata tal-EFSA dwar ir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiprokonażol skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Ġurnal tal-EFSA 2021;19(3):e06483, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2016.4652.
([5]) Il-konklużjoni tal-EFSA dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva ċiprokonażol, il-Ġurnal tal-EFSA 2010;8(11):1897, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2010.1897.
([6]) L-opinjoni tal-RAC li tipproponi klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati fil-livell tal-UE taċ-Ċiprokonażol (ISO); (2RS,3RS;2RS,3SR)-2-(4-chlorophenyl)-3-cyclopr opyl-1-(1H-1,2,4-triazol-1-yl)butan-2-ol, https://echa.europa.eu/documents/10162/6d98baeb-24aa-a683-28ec-d8adabee5461.
([7]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi l-protesti tal-bdiewa li seħħew fl-ewwel nofs tal-2024 kellhom bħala waħda mit-talbiet ewlenin tagħhom trattament ġust u ugwali għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi, li għandhom isegwu l-istess standards bħall-prodotti manifatturati fl-Unjoni;

B. billi l-adozzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni tippermetti li jibqgħu jsiru fl-Unjoni importazzjonijiet li ma jikkonformawx mal-istandards li jirrispettaw il-bdiewa tal-Unjoni;

C. billi sitwazzjoni bħal din tpoġġi lill-bdiewa tal-Unjoni fi żvantaġġ kompetittiv;

D. billi ċ-ċiprokonażol huwa fungiċida tal-klassi tal-ażoli, prinċipalment użat fuq l-għelejjel taċ-ċereali, il-kafè, il-pitravi taz-zokkor, it-tuffieħ u l-għeneb, u l-karawett;

E. billi l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċiprokonażol skadiet fil-31 ta' Mejju 2021; billi applikazzjoni għat-tiġdid ġiet ippreżentata f'Settembru 2018 iżda ġiet irtirata f'Diċembru 2018; billi l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iċ-ċiprokonażol ġew revokati;

F. billi ċ-ċiprokonażol huwa kklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) bħala tossiku għar-riproduzzjoni, kategorija 1B, tossiku jekk jinbela' (tossiċità akuta 3), tossiku għall-fwied (STOT RE 2), kif ukoll tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi (akut akkwatiku 1) u tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'effetti dejjiema (kroniku akkwatiku 1) ([9]);

G. billi ċ-ċiprokonażol jappartjeni għall-grupp tat-triażoli ta' inibituri tal-bijosinteżi tal-ergosterol, u b'hekk jista' jikkawża effetti li jfixklu s-sistema endokrinali ([10]); billi l-potenzjal tiegħu li jfixkel is-sistema endokrinali ma ġiex ivvalutat mill-EFSA skont il-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 ([11]) li ilu japplika mill-10 ta' Novembru 2018; billi l-effetti relatati mas-sistema endokrinali spiss iseħħu f'livelli ta' dożi baxxi u s-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali spiss ma jkollhomx limitu sikur ([12]);

H. billi għadd dejjem ikbar ta' pubblikazzjonijiet qed jenfasizzaw li l-fungiċidi ażoliċi jikkostitwixxu sors sinifikanti tal-inċidenza dejjem akbar ta' reżistenza ambjentali għall-*Aspergillus spp*. ([13]); billi l-Kummissjoni talbet lill-EFSA tivvaluta l-impatt tal-użu tal-fungiċidi ażoliċi, għajr bħala mediċini għall-bniedem, fuq l-iżvilupp tal-*Aspergillus spp*. li hu reżistenti għall-ażoli; billi r-rapport xjentifiku mitlub għadu ma ġiex ippubblikat u huwa mistenni li jiġi ffinalizzat biss f'Diċembru 2024 ([14]);

I. billi huwa għalhekk xieraq li jitħassru l-livelli massimi ta' residwi (MRLs) eżistenti stabbiliti għaċ-ċiprokonażol fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament li skontu l-Kummissjoni għandha tħassar l-MRLs li huma stabbiliti fl-Annessi II u III ta' dak ir-Regolament għall-valur standard ta' 0,01 mg/kg jew il-limitu rilevanti ta' determinazzjoni mingħajr ma titlob l-opinjoni tal-EFSA għal sustanza attiva jekk l-awtorizzazzjoni tagħha tkun ġiet revokata;

J. billi, fl-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni, madankollu, qed tipproponi li żżomm l-MRLs ta' kwantità kbira ta' prodotti (ċereali, żrieragħ, laħam, fwied u kliewi) ogħla mil-limitu rilevanti ta' determinazzjoni jew mill-valur standard tal-MRL ta' 0,01 mg/kg abbażi tal-MRLs stabbiliti mill-Kummissjoni Codex Alimentarius (CXLs);

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([9]) https://www.echa.europa.eu/substance-information/-/substanceinfo/100.130.443.

([10]) Il-konklużjoni tal-EFSA dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-pestiċidi tat-8 ta' Novembru 2010; Draskau, M.K., u Svingen, T., "Azole Fungicides and Their Endocrine Disrupting proprieties: Perspectives on Sex Hormone-Dependent Reproductive Development", Frontiers in Toxicology 2022, 4:883254, https://doi.org/10.3389/ftox.2022.883254.

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33).

([12]) EFSA scientific report of the Endocrine Active Substances Task Force, il-Ġurnal tal-EFSA 2010;8(11):1932, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2010.1932.

([13]) Zhang, J., Jimenez, L.L., Snelders, E., Debets, A.J.M., Rietveld, A.G., Zwaan, B.J., Verweij, P.E., Schoustra, S.E., "Dynamics of *Aspergillus fumigatus* in Azole Fungicide-Containing Plant Waste in the Netherlands (2016-2017)", Applied and Environmental Microbiology 2021, 87:e02295-20, https://doi.org/10.1128/AEM.02295-20; Il-Kumitat Daniż għall-Ambjent u l-Ikel dwar ir-reżistenza għall-ażoli, https://www.ft.dk/samling/20181/almdel/MOF/bilag/407/2016336.pdf; Snelders, E., Camps, S.M.T., Karawajczyk, A., Schaftenaar, G., Kema, G.H.J., van der Lee, H.A., et al., "Triazole Fungicides Can Induce Cross-Resistance to Medical Triazoles in *Aspergillus fumigatus*". PLoS ONE 2012, 7(3): e31801. https://doi.org/10.1371/journal.pone.0031801.

([14]) https://open.efsa.europa.eu/question/EFSA-Q-2022-00040.

K. billi l-Kummissjoni qed tipproponi li tistabbilixxi l-MRLs fil-livelli tagħhom ta' CXLs għall-piżelli (mingħajr miżwed), il-fażola, il-piżelli, ix-xgħir, il-qamħ saraċin u psewdoċereali oħra, il-qamħirrum, il-millieġ komuni, il-ħafur, is-segala, il-qamħ, il-kafeni u l-pitravi taz-zokkor, il-muskoli u x-xaħam tal-majjal, tal-baqar, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u taż-żwiemel, u l-muskoli, ix-xaħam u l-fwied tat-tjur, il-ħalib tal-baqar, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u taż-żwiemel, u l-bajd tal-għasafar; billi dan ifisser li l-MRLs għall-fwied u l-kliewi tal-majjal, tal-bovini, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u taż-żwiemel jinżammu fil-livelli eżistenti ta' 0,5 mg/kg, għaż-żerriegħa tal-kolza 0,4 mg/kg u għall-fażola tas-sojja 0,07 mg/kg; billi għall-prodotti l-oħra kollha, li għalihom ma hemm l-ebda CXLs jew tolleranzi għall-importazzjoni, l-MRLs jitnaqqsu għal limiti ta' determinazzjoni speċifiċi għall-prodotti li jvarjaw bejn 0,01 u 0,05 mg/kg;

L. billi, fl-2024, il-Kummissjoni naqqset l-MRLs għat-tijakloprid, sustanza attiva kklassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni, kategorija 1B, għal-limitu rilevanti ta' determinazzjoni bl-argument li "sa ma tintemm din il-valutazzjoni tar-riskju addizzjonali [dwar l-effetti relatati mas-sistema endokrinali] mill-Awtorità, u minħabba l-informazzjoni pertinenti disponibbli fir-rigward tal-effetti potenzjalment ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem, huwa xieraq li l-MRLs jitnaqqsu proviżorjament ... [għal dawk il-prodotti]" ([15]);

M. billi l-premessa (5) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tistipula li dawn ir-residwi ma għandhomx ikunu preżenti f'livelli li jippreżentaw riskju mhux aċċettabbli għall-bnedmin, u fejn huwa pertinenti, għall-annimali;

N. billi l-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistipula li r-residwi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti m'għandu jkollhom l-ebda effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem, inklużi dawk fuq gruppi vulnerabbli, jew fuq is-saħħa tal-annimali, meta jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi magħrufa; billi l-punt 3.6.4 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament jistipula li sustanza attiva klassifikata, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, bħala tossika għar-riproduzzjoni, kategorija 1A jew 1B, ma għandhiex tiġi approvata sakemm ir-"residwi ta' sustanza attiva [...] ikkonċernati fuq ikel u għalf ma jeċċedux il-valur standard imniżżel skont il-punt (b) tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005"; billi l-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistabbilixxi valur standard ta' 0,01 mg/kg;

O. billi l-Artikolu 3(2), il-punt (g), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistipula li t-tolleranza għall-importazzjoni hija MRL iffissat għal prodotti importati fejn "l-użu tas-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fuq xi prodott speċifiku mhuwiex awtorizzat fil-Komunità għal raġunijiet minbarra raġunijiet ta' saħħa pubblika għall-prodott speċifiku u l-użu speċifiku"; billi ċ-ċiprokonażol ma jissodisfax dawk il-kriterji peress li ġie pprojbit għal raġunijiet ta' saħħa, minħabba li huwa kklassifikat bħala tossiku għar-riproduzzjoni, kategorija 1B;

P. billi l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistipula li l-liġi dwar l-ikel għandha ssegwi wieħed jew aktar mill-għanijiet ġenerali ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-saħħa u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, inklużi prattiki ġusti fin-negozju tal-ikel, waqt li jingħata kont ta', fejn japplika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent;

Q. billi fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2020 dwar "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" ([16]), il-Kummissjoni ħabbret li "l-UE se tappoġġja t-tranżizzjoni dinjija lejn sistemi sostenibbli ta' ikel agrikolu, f'konformità mal-objettivi ta' din l-Istrateġija u mal-SDGs", u li "l-UE tista' taqdi rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' standards dinjija b'din l-istrateġija"; billi l-Kummissjoni ddikjarat b'mod espliċitu fl-istrateġija li "sistema tal-ikel tal-UE aktar sostenibbli tirrikjedi wkoll prattiki dejjem aktar sostenibbli mis-sħab kummerċjali tagħna. Sabiex tippromwovi pass gradwali lejn l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar sikuri, l-UE se tikkunsidra, f'konformità mar-regoli tad-WTO u wara valutazzjoni tar-riskju, li tirrieżamina t-tolleranzi għall-importazzjoni tas-sustanzi li jissodisfaw il-'kriterji ta' limitu' u li jippreżentaw livell għoli ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem";

R. billi l-prattika li jiġu stabbiliti MRLs għoljin qed tippromwovi standard doppju bejn il-bdiewa tal-Unjoni u l-bdiewa f'pajjiżi terzi, peress li l-bdiewa mhux tal-Unjoni jistgħu jkomplu jipproduċu l-ikel ikkonċernat bl-użu taċ-ċiprokonażol u jesportawh lejn l-Unjoni, u dan iqiegħed lill-bdiewa tal-Unjoni fi żvantaġġ kompetittiv; billi min-naħa l-oħra, l-użu ta' dan il-pestiċida qed jipperikola s-saħħa tal-ħaddiema agrikoli, is-saħħa tal-popolazzjoni ġenerali u l-ambjent fil-pajjiżi produtturi;

S. billi l-Artikolu 191(2) tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju ta' prekawzjoni bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni;

T. billi l-Kummissjoni jeħtiġilha tipproteġi l-ambjent u liċ-ċittadini Ewropej abbażi tal-informazzjoni xjentifika disponibbli, bl-użu tal-obbligi u l-possibbiltajiet legali li r-Regolamenti (KE) Nru 396/2005 u (KE) Nru 178/2002 jistipulaw biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent;

([15]) https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/documents/089880/5/consult?lang=mt.
([16]) COM(2020)0381.

U. billi l-MRLs proposti ma jipproteġux is-saħħa taċ-ċittadini fl-Ewropa, u għalhekk imorru kontra r-Regolamenti (KE) Nru 396/2005 u (KE) Nru 178/2002;

V. billi l-MRLs m'għandhomx jiġu stabbiliti għal sustanzi attivi li mhumiex approvati fl-Unjoni minħabba tħassib dwar is-saħħa; billi għalhekk l-ebda CXLs li jaqbżu l-limitu rilevanti ta' determinazzjoni jew il-valur standard ta' 0,01 mg/kg ma għandhom jitqiesu sikuri għall-konsumaturi peress li ċ-ċiprokonażol huwa kklassifikat bħala tossiku għar-riproduzzjoni, kategorija 1B;

W. billi meta jiġu stabbiliti l-MRLs, jeħtieġ li jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi filwaqt li huwa tal-akbar importanza li jitħaffef b'mod urġenti l-iżvilupp ta' metodi xierqa għal din il-valutazzjoni;

1. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;

2. Iqis li l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni mhuwiex kompatibbli mal-għan u l-kontenut tar-Regolamenti (KE) Nru 396/2005 u (KE) Nru 178/2002, kif ukoll mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, inkluż il-punt 3.6.4 tal-Anness II tiegħu;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tapplika l-prinċipju ta' prekawzjoni u tirtira l-abbozz ta' regolament tagħha u tippreżenta wieħed ġdid lill-kumitat;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta abbozz ta' regolament ġdid lill-kumitat li jnaqqas l-MRLs kollha għaċ-ċiprokonażol għal-limitu ta' determinazzjoni jew għall-valur standard ta' 0,01 mg/kg għall-użi kollha u tirrifjuta kwalunkwe talba għal tolleranzi għall-importazzjoni;

5. Jagħraf li l-EFSA qiegħda taħdem fuq metodi biex tivvaluta r-riskji kumulattivi, iżda jinnota wkoll li l-problema tal-valutazzjoni tal-effetti kumulattivi tal-pestiċidi u tar-residwi ilha magħrufa għal għexieren ta' snin; jitlob għaldaqstant lill-EFSA u lill-Kummissjoni jindirizzaw il-problema bħala kwistjoni ta' urġenza assoluta;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.